MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 448/2006/1

**Norman Cutajar u martu Martha Cutajar**
**v.**
***Farr Limited***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza tas-26 ta’ Ġunju 2012 li laqgħet it-talba tal-atturi għar-revindikazzjoni ta’ biċċa art minn idejn il-konvenuta.
2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: B’kuntratt tat-22 ta’ Frar 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar [“il-kuntratt tal-1989”] l-atturi kisbu mingħand l-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi f’Malta l-utli dominju għal ħamsa u għoxrin (25) sena minn dakinhar ta’ biċċa art fis-Swieqi, limiti ta’

San Ġiljan. Relevanti għall-kawża tallum hemm dawn l-istipulazzjonijiet fil-kuntratt:

»3. … l-enfitewta jkun obbligat jifdi ċ-ċens kollu mhux aktar tard minn ħamsa u għoxrin (25) sena mid-data tal-kuntratt u b'hekk jakkwista l-proprjetà sħiħa libera u franka.

»12. Fil-każ li jirriżulta illi l-kejl jew il-konfigurazzjoni tal-art ma jkunux jikkorrispondu ma' dawk murija fil-pjanta annessa mal-att, u purkè d-differenza fil-kejl tkun taqbeż almenu l-għaxra fil-mija, l-enfitewta jkollu d-dritt li, fi żmien sentejn mid-data tal-att, jew jitlob ir-rexissjoni tal-koncessjoni jew jitlob l-aġġustamenti taċ-ċens skond il-kejl misjub.«

3. L-atturi bnew ħajt fuq din l-art li kisbu b'enfitewsi iżda dan il-ħajt igħidu illi bnewh aktar 'il ġewwa mil-linja li taqsam l-art tagħhom mill-bqija tal-art tad-direttarju, b'mod illi bejn il-ħajt u l-bqija tal-art tad-direttarju hemm biċċa art, tal-kejl ta' madwar għaxar metri kwadri ($10m^2$) illi l-atturi jgħidu illi hija parti mill-art li kisbu b'enfitewsi.

4. B'kuntratt tat-28 ta' Mejju 1993 fl-atti tan-Nutar Mario Felice ["il-kuntratt tal-1993"] is-soċjetà konvenuta kisbet mingħand l-istess amministratur tal-beni ekkleżjastiċi f'Malta il-proprjetà ta' biċċa art oħra fis-Swieqi, tmiss ma' dik tal-atturi. Is-soċjetà konvenuta okkupat ukoll, billi dehrilha li kienet parti mill-art minnha mixtrija, dik il-biċċa art ta' madwar għaxar metri kwadri 'l barra mill-ħajt imsemmi fuq li bnew l-atturi. Din il-biċċa art sejra minn issa 'l quddiem tissejjaħ "l-art kontestata".

5. Billi dehrilhom illi l-art kontestata hija tagħhom l-atturi fl-1997 waqqgħu l-ħajt imsemmi fuq u reġgħu bnewh fejn dehrilhom illi għandha tkun il-linja li taqsam l-art tagħhom minn dik tal-konvenuta. Il-konvenuta fetħet kawża ta' spoll li nqatgħet favur tagħha b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fis-6 ta' Frar 2004, u l-ħajt reġa' nbena fejn kien qabel.

6. Billi baqgħu tal-fehma illi l-art kontestata hija tagħhom, għalkemm okkupata mill-konvenuta, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenuta ma għandha ebda jedd, personali jew reali, fuq l-art kontestata, tiżgombra lill-konvenuta mill-istess art kontestata.

7. Għandu jingħad illi b'kuntratt tal-4 ta' Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Keith Francis German ["il-kuntratt tal-2007"], wara li nfetħet il-kawża, l-atturi kisbu mingħand il-gvern (bħala suċċessur tal-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi) id-dirett dominju għaż-żmien li kien fadal mill-ħamsa u għoxrin (25) sena tal-konċessjoni enfitewtika, *i.e.* sal-21 ta' Frar 2014, u l-proprjetà sħiħa wara li jagħlaq iċ-ċens tal-art li kienu kisbu l-utli dominju temporanju tagħha bil-kuntratt tal-1989. Dan għamluh billi nqdew bil-jedd li kellhom taħt il-patt numru tlieta (3) tal-istess kuntratt[1].

8. Is-soċjetà konvenuta ikkontestat it-titolu tal-atturi u ressqet ukoll l-eċċezzjoni ta' dekadenza tal-jedd ta' azzjoni tal-atturi billi l-kawża fetħuha wara li għalaq it-terminu ta' sentejn imsemmi fil-patt numru tnax (12) tal-kuntratt tal-1989.

9. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' dekadenza wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"… dwar l-allegata dekadenza tal-azzjoni attriċi … is-soċjetà konvenuta qed tikkontendi li abbażi tal-kuntratt tal-bejgħ, l-atturi kellhom terminu ta' sentejn biex jiddeduċu kull pretensjoni dwar il-porzjoni art li huma akkwistaw mill-Kurja. Hawn saret referenza għall-att ta' akkwist tat-22 ta' Frar 1982 u speċifikament għall-paragrafu 12 …

"…

"Illi din il-klawsola toħloq rabta vinkolanti biss bejn l-atturi, *qua* enfitewti, u l-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi (Kurja) f'Malta, *qua* konċedent. Dan ifisser li għal dak li jirrigwarda l-konvenuta, tali klawsola tikkostitwixxi *res inter alios acta,* u għalhekk ma hija ta' ebda siwi għad-difiża tagħha kontra l-atturi f'din il-kawża.

"Illi f'kull każ, l-atturi ma kellhom ebda intenzjoni li jaġixxu kontra l-konċedent billi huma jgħidu li dak li qed jippretendu bħala tagħhom joħroġ mill-att ta' konċessjoni enfitewtika, u li l-użurpazzjoni ta' dik il-porzjoni tal-art li dwarha hemm nuqqas ta' qbil tnisslet mill-pretensjonijiet li ġew vantati [mi]s-soċjetà konvenuta. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija infondata u qed tiġi miċħuda."

10. Imbagħad, wara li qalet illi x-xiehda u d-dokumenti fil-proċess juru illi l-art kontestata hija parti mill-art tal-atturi

---

[1] Ara para. 2, *supra*.

mhux tal-konvenuta, kompliet għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"… Finalment, anke jekk kien hemm *overlapping*, jiġi relevat li filwaqt li l-atturi akkwistaw il-porzjoni tal-art tagħhom, *plot* 6, fis-sena 1989, is-soċjetà konvenuta akkwistat l-proprjetà tagħha mill-Kurja fl-1993. Huwa minnu li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li kellhom il-pussess effettiv tal-art kollha li fil-fatt kienu akkwistaw … iżda b'daqshekk lanqas kien ifisser, jew seta' jingħad li, wara debita verifika, l-art minnhom vantata ma kenitx tassew tagħhom. Darba li jirriżulta li l-akkwist ta' din l-estensjoni tal-art kif jemerġi mill-kuntratt tat-22 ta' Frar 1989 u l-pjanta anessa, kien anteċedenti għall-kuntratt li kkonkludew *Farr Limited* mal-Kurja fl-1993, għandu jsegwi li l-atturi għandhom prova aqwa u aħjar minn dik fornuta mill-konvenuta. Dan ukoll hu hekk, jiġifieri apparti minn dak li jissemma' fil-kuntratt u minn dak li jidher fil-pjanta annessa, għaliex il-principju regolatorju f'każ simili huwa dak li *prior in tempore potior in iure*."

11. Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi u ikkundannat lill-konvenuta tiżgombra mill-art fi żmien tletin (30) jum.

12. Is-soċjetà konvenuta appellat mis-sentenza u ressqet dawn l-aggravji:

13. l-ewwel qorti applikat ħażin il-prinċipju *prior in tempore potior in iure*, għax bil-kuntratt tal-1989 l-atturi kisbu biss l-*utile dominium* u għalhekk, fl-agħar ipotesi għall-konvenuta, bil-kuntratt tal-1993 il-konvenuta setgħet tikseb id-dirett dominju li baqa' tas-sid;

14. l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi l-konvenuta ma setgħetx tistrieħ fuq it-terminu ta' dekadenza ta' sentejn taħt l-art. 12 tal-kuntratt tal-1989 bejn l-atturi u l-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi;

15. il-kuntratt tal-2007, li bih l-atturi kisbu d-dirett dominju għaż-żmien li kien fadal u l-proprjetà sħiħa għaż-żmien ta' wara mingħand is-suċċessur tal-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi, jikkonferma illi l-atturi kellhom biss l-utli dominju temporanju meta l-konvenuta xtrat l-art tagħha; u

16. bħala fatt, il-konvenuta għandha l-proprjetà sħiħa tal-art kontestata u mhux biss id-dirett dominju.

17. L-atturi wieġbu fis-17 t'Awissu 2012 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

18. L-ewwel u t-tielet aggravji huma marbutin flimkien billi effettivament igħidu l-istess ħaġa: illi bil-kuntratt tal-1989 l-atturi kisbu biss l-utli dominju u illi d-dirett dominju baqa' tas-sid, li għalhekk seta' validament jittrasferih lill-konvenuta fl-1993. Naturalment, dan l-aggravju jkun relevanti biss jekk jinsab illi l-art kontestata kienet tassew parti mill-art trasferita lill-atturi b'titolu ta' enfitewsi temporanja bil-kuntratt tal-1989. Xieraq għalhekk li nqisu l-ewwel l-aggravju li jolqot dan il-punt, *i.e.* jekk l-art kontestata kinitx parti mill-art li kisbu l-atturi bil-kuntratt tal-1989, li huwa l-meritu tar-raba' aggravju.

19. Il-konvenuta fissret dan l-aggravju hekk:

"L-ewwel prova hija li tant kien hemm qbil bejn il-Kurja u l-akkwirenti tal-*plots* li l-perit tal-Kurja kellu jissettja il-*boundaries* illi l-atturi stess flimkien ma' dawk li ġew allokati l-*plots* l-oħra mxew skond il-marki stabbiliti mill-perit Joseph Saliba u tellgħu l-ħajt li jiddividi n-naħa ta' wara tal-*plots* taghhom mill-*plot* … proprjetà tas-soċjetà konvenuta skond il-marki mogħtija mill-perit imsemmi. Il-punt kollu huwa li hu tella' l-ħajt skond il-marki ssettjati mill-perit Saliba u għalhekk dawn il-marki ġew minnu u mill-akkwirenti l-oħra aċċettati. Għalhekk kien hemm qbil bejn dawk kollha li ġew allokati l-*plots* li l-*boundary* bejn il-*plots* tagħhom u l-proprjetà tas-soċjetà appellanti kellu jkun skond il-marki mogħtija mill-perit Saliba fuq il-post u s-sit u dan għaliex huma kollha kemm huma mxew magħhom.

"It-tieni prova hija li l-atturi għandhom fil-kuntratt tal-akkwist tal-enfitewsi temporanju datat 22 ta' Frar 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar kondizzjoni mmarkata numru 12 fejn "fil-każ li jirriżulta li l-kejl jew il-konfigurazzjoni tal-art ma jkunux jikkorrispondu ma' dawk murija fil-pjanta annessa mal-att, u purkè d-differenza fil-kejl tkun taqbeż almenu l-għaxra fil-mija, l-enfitewta jkollu d-dritt li fi żmien sentejn mid-data tal-att, jew jitlob ir-rexissjoni tal-konċessjoni jew jitlob l-aġġustamenti taċ-ċens skond il-kejl misjub". … [Ħ]add ma appella mill-kejl li sar dak in-nhar tas-26 t'Awissu 1989. Għalhekk kif jirriżulta mill-kuntratt tal-akkwist … l-appellati u l-Kurja kienu ftiehmu li jista' ikun li l-kejl u l-konfigurazzjoni tal-art setgħu ma

jikkorrispondhux ma' dawk murija fil-pjanta annessa mal-kuntratt tal-akkwist. Għaldaqstant il-kejl u l-konfigurazzjoni tal-art setgħu jvarjaw. Din il-kondizzjoni ġiet aċċettata mill-appellati hekk kif jingħad fil-kuntratt innifsu. Għal din ir-raġuni u sussegwentement, ma jistax jilmenta li skond kif jgħid hu l-kejl u l-konfigurazzjoni skond il-marki mogħtija mill-perit huma differenti minn dawk murija fil-pjanta. Il-Kurja *a priori* żammet id-dritt li dawn l-elementi setgħu jkunu differenti.

"It-tielet prova hija li l-Kurja kkonsenjat il-pussess tal-art in kwistjoni lis-soċjetà llum appellanti."

20. Dwar kwistjonijiet ta' fatt din il-qorti ma taqlibx malajr il-konklużjonijiet tal-ewwel qorti sakemm ma jintweriex illi dawn huma manifestament żbaljati għax kontradetti mill-provi jew ma jsegwux loġikament minnhom. Fil-każ tallum l-ewwel qorti straħet fuq il-pjanta[2] mħejjija minn Joseph Randolph Camilleri fl-1999 u r-rapport[3] ta' dan illi jgħid illil-ħajt diviżorju li kien hemm meta saret il-pjanta fl-1999 (*i.e.* mhux il-ħajt li hemm illum iżda t-tieni ħajt li tellgħu l-atturi fl-1997 u li twaqqa' wara s-sentenza fil-kawża ta' spoll fl-2004[4]) jikkorrispondi mal-linja diviżorja murija fuq il-kuntratt tal-1989. Ir-rapport ikompli jgħid illi fejn hemm din il-linja diviżorja "fuq il-post kien hemm *feature* li kien juri ċar id-diviżjoni bejn iż-żewġ proprjetajiet. Dan il-*feature* kien diżlivell bejn l-art ta' fuq u l-art t'isfel."

21. Il-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar fejn għandha tkun il-linja diviżorja hija għalhekk waħda raġonevoli u msejsa fuq xiehda oġġettiva.

22. Ir-raġunijiet imressqa mill-konvenuta fl-aggravju tagħha ma humiex konklużivi. Il-fatt illi meta sar il-kuntratt tal-1989 bejn l-atturi u l-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi kien hemm dubji dwar il-konfigurazzjoni tal-art, tant illi ġie stipulat il-patt numru 12 fuq imsemmi u l-ħajt inbena aktar 'il ġewwa mil-linja diviżorja, ma jibdilx l-istat ta' proprjetà. Lanqas ma huwa relevanti illi l-art kontestata kienet f'idejn is-soċjetà konvenuta: il-ħaġa kontestata tkun dejjem

---

2 Dok. RC1, *fol*. 15.

3 Dok. NC2, *foll*. 13 *et seq*.

4 Ara para.5, *supra*.

f'idejn il-parti konvenuta fl-azzjoni revindikatorja iżda ma hijiex prova konkluživa ta' proprjetà.

23. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud u l-qorti sejra tqis issa l-ewwel u t-tielet aggravji dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju *prior in tempore potior in iure*. Dwar dawn l-aggravji, l-atturi wieġbu hekk:

"… il-kuntratt tal-1993 ma jitkellimx fuq trasferiment ta' dirett dominju iżda dwar bejgħ ta' proprjetà. Il-Kurja ma setgħex tbigħ proprjetà li ma kinetx tagħha *stante* li kienet ġà ikkonċedietha lill-esponenti.

"Meta ġiet konċessa mil-Kurja kien hemm kondizzjoni li *entro* 25 sena l-esponenti jifdi ċ-ċens u għalhekk il-proprjetà tiġi libera u franka. L-esponenti hekk ghamel fl-2007 u konsegwentement minn dak iż-żmien il-proprjetà hija tal-esponenti libera u franka.

"… minghajr preġudizzju għas-suespost u f'każ li jiġi ritenut li d-dirett dominju jappartjeni lis-soċjetà appellanti, l-esponenti qegħedin formalment jiddikjaraw li jridu jifdu ċ-ċens fuq l-art *de quo* a bażi tad-dritt kontrattwali lilhom konċess u fid-dawl ta' dan kollu u sabiex jiġi evitat litiġju ulterjuri, f'każ li s-sentenza appellata tiġi riformata, jissottometti illi din għandha tiġi ulterjorment riformata fis-sens li l-akkwist tas-soċjetà konvenuta huwa soġġett għall-obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt tal-1989.

"…

"It-tielet aggravju jirrigwarda l-effetti tal-kuntratt tal-2007. B'applikazzjoni tal- *ius superveniens* dan il-kuntratt huwa relevanti u dan għar-raġunijiet ġà spejagti fir-risposta għall-ewwel aggravju.

"Apparti dan is-soċjetà konvenuta tiddubita jekk l-atturi setgħux "jakkwistaw iċ-ċens perpetwu tal-feles art". Fil-kuntratt tal-2007 huwa ma akkwistawx iċ-ċens perpetwu. Huma sempliċement avallaw ruħhom mid-dritt lilhom konċess fil-kuntratt tal-1989 li jakkwistaw proprjetà libera u franka. Li hemm dan id-dritt huwa mingħajr dubju. Il-kwistjoni donnha hi jekk dan d-dritt, limitatament għal parti żgħira ta' art mertu tal-kawża, jekk tali fidi kellux isir mal-Kurja jew mas-soċjetà appellanti.

"Mill-banda l-waħda, jekk l-fidi kellu jsir mal-Kurja, dan effettivament sar. Għalhekk jekk is-soċjetà appellanti ghandha xi rimedju, dan mhux fil-konfron tal-esponenti iżda fil-konfront tal-Kurja.

"Mill-banda l-oħra, jekk il-fidi kellu jsir mas-soċjetà konvenuta, l-esponenti ġà indikaw ir-rieda tagħhom kif spejagt fl-ewwel aggravju.

"Fiż-żewġ eventwalitajiet ir-riżultat aħħari jkun li l-esponenti jkunu s-sidien assoluti bid-differenza li fit-tieni alternattiva jkollhom iħallsu lis-soċjetà appellanti … u f'din l-eventwalità din il-qorti għandha tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex jiġi evitat litiġju ulterjuri."

24. Dawn iż-żewġ aggravji tas-soċjetà konvenuti huma tajbin, u r-raġunijiet imressqa kontriehom mill-atturi huma ħżiena.

25. Il-fatt illi, meta l-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi bigħ il-proprjetà fl-1993, huwa kellu biss id-dirett dominju ma jfissirx illi t-trasferiment ma jiswa għal xejn; jiswa biss għal dak il-jedd li l-amministratur kellu u li seta' għalhekk igħaddi lill-konvenuta. Effettivament, dak li xtrat il-konvenuta tassew kienet il-proprjetà, għalkemm għal xi żmien kellha nieqsa l-utli dominju li l-amministratur ma setax ibigħ għax kien tal-atturi.

26. Dwar jekk id-dirett dominju temporanju u l-proprjetà għaż-żmien ta' wara li kisbet il-konvenuta kinux soġġetti għall-jedd tal-"atturi" li "jifdu" ċ-ċens, il-qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

27. Dak li għamlu l-atturi bil-kuntratt tal-2007 ma kienx li "jifdu" ċ-ċens iżda li jixtru d-dirett dominju u l-proprjetà għaż-żmien ta' wara, kif igħid testwalment il-kliem tal-kuntratt:

"By virtue of this deed Joseph Sciriha on behalf of the Government of Malta, sells and transfers to the purchasers who accept, purchase and acquire the temporary directum dominium and the relative annual, temporary and non revisabie ground rent … which ground rent expires on the twenty first (21st) day of February of the year two thousand and fourteen (2014), and the subsequent full ownership thereof …"

28. Strettament, iċ-ċens ma setax jinfeda la ma kienx perpetwu. Għalhekk id-dritt jew obbligu li kellhom l-atturi taħt il-patt numru 12 tal-kuntratt tal-1989 aktar għandu min-natura ta' wegħda ta' bejgħ milli min-natura ta' fidi. Wegħda ta' bejgħ ma tagħtix *ius in re*: il-bejgħ li min wiegħed ikun għamel lil terzi minkejja l-wegħda jkun jiswa,

u min jixtri ma jkunx marbut bil-wegħda. Ir-rimedju tal-atturi ma huwiex dak li qegħdin jippretendu llum iżda, jekk ikun il-każ, azzjoni ta' garanzija kontra l-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi jew, ukoll jekk ikun il-każ, azzjoni pawljana biex fl-interess tagħhom jitħassar dak li sar bi ksur tal-wegħda ta' bejgħ[5].

29. Dawn l-aggravji huma għalhekk milqugħa iżda, għalkemm iwasslu għar-riforma tas-sentenza appellata, fis-sens illi s-sentenza għandha titħassar fejn l-ewwel qorti laqgħet l-ewwel talba tal-atturi u qalet illi l-konvenuta ma għandha ebda titolu fuq l-art kontestata, ma jolqtux it-tieni talba fejn l-ewwel qorti ordnat l-iżgumbrament tal-konvenuta, billi l-utli dominju li għandhom l-atturi sakemm jagħlaq fil-21 ta' Frar 2014 jagħtihom jedd għall-pussess weħedhom tal-art kontestata u għalhekk għall-iżgumbrament tal-konvenuta.

30. Jonqos għalhekk li nqisu t-tieni aggravju tal-konvenuta, li jgħid illi l-atturi ma setgħux iressqu din l-azzjoni meta naqsu li jmexxu fiż-żmien ta' sentejn mogħti lilhom fil-patt numru 12 tal-kuntratt tal-1989.

31. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat u joqrob lejn il-fieragħ. Il-kuntratt tal-1989 jirregola r-relazzjonijiet bejn l-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi u l-atturi iżda għall-konvenuta huwa *res inter alios acta* illi *neque prodest neque nocet*. Il-patt numru 12 jista' *se mai* jolqot ir-rimedju li l-atturi jista' għandhom kontra l-amministratur tal-beni ekkleżjastiċi[6] iżda ma jolqotx ir-rimedju li għandhom kontra terzi, fosthom is-soċjetà konvenuta.

32. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

33. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata:

34. tħassarha fejn laqgħet l-ewwel talba u qalet illi s-soċjetà konvenuta ma għandha ebda titolu fuq l-art kontestata u, minflok, tiċħad dik it-talba u tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha titolu ta' dirett dominju sal-21 ta' Frar 2014 u l-proprjetà sħiħa wara l-21 ta' Frar 2014; u

35. tikkonfermaha fejn laqgħet it-talba għall-iżgumbrament billi l-utli dominju li għandhom l-atturi

5 Ara Marco Bongailas *v.* John Magri *et*, App. 15 ta' Jannar 2002.

6 Ara para. 28, *supra*.

jagħtihom titolu għall-pussess esklużiv tal-art kontestata għallinqas sal-21 ta' Frar 2014. Meta tqis iż-żmien qasir li fadlilhom l-atturi fit-tgawdija tal-art kontestata, il-qorti tordna illi l-iżgumbrament għandu jseħħ minnufih, bla ħsara għal kull jedd ta' kumpens li jista' jmiss lill-atturi għaż-żmien li kienu mċaħħda mit-tgawdija tal-art.

36. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------